12 ta' Marzu, 1955.

**Imħallef:**
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Busuttil

## Serq — Tentattiv

*F'akkuża ta' tentattiv ta' serq il-Prosekuzzjoni għandha d-dmir tipprova li, fejn saru l-atti preteżi kommessi għal serq, kien hemm xi ħaġa x'tinsteraq. Altrimenti tonqos il-forza fiżika oġġettiva, għax jonqos is-suġġett passiv tal-konsumazzjoni tad-delitt, u kwindi, għall-finijiet tat-tentattiv, jonqos l-element meħtieġ tal-"pericolo corso" tad-dritt aggredit.*

Il-Qorti: — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'din l-aħħar sena, il-Belt Valletta, għamel serq ta' somma ta' flus ta' iżjed minn £1 iżda anqas minn £3 għad-dannu ta' Toni Lautier; u barra minn dan, talli f'diversi drabi, *il-Belt Valletta, ittanta li jagħmel serq bi ħsieb (sic) b'attijiet* esterjuri, billi ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, u li dan id-delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u xi drabi wkoll id-

delitt ma kellux effett minħabba li huwa kien waqaf minn rajħ milli jikkonsma d-delitt;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 1954, li biha sabet lill-imputat ħati ta' serq sempliċi ta' somma ta' flus anqas minn £3, u ta' tentattiv ta' serq ta' somma anqas minn £3, u kkundannatu għall-piena ta' xahrejn lavuri furzati;

Rat ir-rikors tal-imputat li bih appella minn dik is-sentenza, u talab ir-revoka tagħha u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni ta' serq hija sostanzjata, partikolarment bix-xhieda ta' Lautier, u maġġjorment bix-xhieda ta' Psaila, li qabdet l-imputat "in flagrante delicto";

Kwantu għall-imputazzjoni l-oħra, ta' tentattiv ta' serq, l-istruzzjoni tal-provi dwarha mill-Pulizija saret wisq leġġerment b'ex dina tista' titqies assodata;

Veru li x-xhud Spiteri rat lill-imputat idaħħal idu mittieqa tal-car tal-prinċipal tagħha, u jfittex ġo "rack" (jew "locker") ta' quddiem; imma ebda "adminiculum probationis" ma nġieb li ġo r-"rack" kien hemm xi ħaġa. Il-Qorti ma hix leġittimata tikkonġettura li bilfors kien hemm xi ħaġa. Fin-nuqqas ta' provi, u in bażi għall-prinċipju li l-piż tal-prova hu fuq il-Prosekuzzjoni, u l-ieħor li d-dubju għandu jibbenefika lill-imputat, l-assunt għandu jkun daqs kieku fir-"rack" ma kien hemm xejn. Għalhekk kienet nieqsa l-forza fiżika oġġettiva, għax kien jonqos is-suġġett passiv tal-konsumazzjoni tad-delitt; u kwindi, għall-finijiet tat-tentattiv, kien jonqos l-elementi meħtieġa tal-"pericolo corso" tad-dritt aggredit. "Dove non esiste assolutamente il pericolo per il diritto alla cui lesione tende il fatto che si imputa, ivi non può concepirsi tentativo punibile, e non può dirsi che il diritto abbia corso un vero e reale pericolo, se nel momento in cui l'intenzione era rivolta verso il medesimo si rendeva impossibile la sua lesione" (Riv. Pen. VI, 326). Kien ikun divers il-każ kieku l-Pulizija ħadet ħsieb iġġib bħala xhud sid il-karrozza biex jgħid li fir-"rack" kien hemm xi ħaġa li setgħet tinsteraq. Anzi hemm awturi, bħal Hans (Prin. Gen. de Droit Penal Belge, t.l., n. 461) u

l-Berner (Tratt. Dto. Pen., p. 147), li jsostnu li jista' jkun hemm it-tentattiv, f'każ simili, anki jekk is-sid jgħid li f'dak il-post "soltu" kien ikun hemm it-tali ħaġa li setgħet tinsteraq, u li l-ħalliel kien jaf biha f'dak il-post, iżda f'dak il-mument ta' l-attentat, b'aċċident, ma kienetx hemm. Dwar liema teorija, din il-Qorti ma tesprimix opinjoni f'din il-kawża, peress li lanqas ma saret ebda prova simili. Dan ta' din il-kawża, għalhekk, kien każ li għar-rigward tiegħu l-Carrara jgħid, bi kliem skultorju, "vi è un conato in senso volgare, ma non vi è conato in senso giuridico";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha fejn sabet l-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni, ta' tentattiv ta' serq, u tiddikjara l-imputat mhux ħati ta' dik l-imputazzjoni, ta' serq sempliċi ta' somma ta' flus anqas minn £3; u konsegwentement tirriformaha fill-piena billi tirriduċiha għal 40 ġurnata lavuri furzati.